

## V

(Opinjonijiet)

**PROĊEDURI GĦALL-IMPLEMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI  
KOMUNI**

**KUMMISSJONI EWROPEA**

**Avviż tal-iskadenza imminent ta' ċerti miżuri tal-anti-dumping**

(2010/C 70/06)

1. Kif stipulat fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009<sup>(1)</sup> dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pappiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea tavża li, sakemm ma tiġix imnedija reviżjoni skont il-proċedura li ġejja, il-miżuri anti-dumping imsemmija hawn taħt jiskadu fid-data msemmija fit-tabella ta' hawn taħt.

**2. Il-proċedura**

Il-produtturi tal-Unjoni jistgħu jressqu talba għal reviżjoni bil-miktub. Din it-talba jrid ikun fiha biżżejjed evidenza li l-iskadenza tal-miżuri tista' twassal għat-tkomplija jew għall-okkorrenza mill-ġdid ta' dumping u ħsara.

Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li tirrevedi l-miżuri kkonċernati, l-importaturi, l-esportaturi, ir-rappreżentanti tal-pajjiż esportatur u l-produtturi tal-Unjoni mbagħad jingħataw l-opportunità li jamplifikaw, jikkontestaw jew jikkumentaw dwar il-kwistjonijiet stabbiliti fit-talba għar-reviżjoni.

**3. Il-limitu ta' żmien**

Il-produtturi tal-Unjoni jistgħu jressqu talba bil-miktub għal reviżjoni fuq abbażi ta' dak li ssemmha hawn fuq, liema talba għandha tasal għand il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ (l-Unità H-1), N-105 4/92, 1049 Bruxelles/Brussel, BELGIQUE/BELGIË<sup>(2)</sup> wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż iżda mhux aktar tard minn tliet xħur qabel id-data msemmija fit-tabella hawn taħt.

4. Dan l-avviż huwa ppubblikat b'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009.

Il-Prodott	Il-Pajjiż(i) ta' oriġini jew ta' esportazzjoni	Il-Miżuri	Referenza	Id-Data tal-iskadenza
Roti u ċerti parts tar-roti	Ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina Il-Vjetnam	Dazju anti-dumping	Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1524/2000 (ĠU L 175, 14.7.2000, p. 39) emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1095/2005 (ĠU L 183, 14.7.2005, p. 1) u mwessa' biex ikopri l-parts tar-roti bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/97 (ĠU L 16, 18.1.1997, p. 55)	15.7.2010

<sup>(1)</sup> ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.

<sup>(2)</sup> Feks +32 22956505.